MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 634/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**

**Vs**

**John Bugeja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u tlieta w erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm343.92c) rapprezentanti bhala *premia* fuq *policies* mahrugin mis-socjeta' attrici ghall-konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ghamel referenza ghall-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16. Il-konvenut qal li l-ammont mitlub mhux dovut stante li kwalunkwe ammont dovut kien gie mhallas qabel ma ttermina l-assigurazzjoni mas-socjeta' attrici.

Ra d-dokument esebit.

Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla fejn jikkonferma li l-konvenut ghandu jhallas tlett mija u tlieta w erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm343.92c).

Illi l-ewwel eccezzjoni hija dwar preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f). Illi dan l-Artikolu jipprovdi li l-azzjoni tigi preskritta fi zmien hames snin. Il-poloz mhux imhallsin jirriferu ghal April 2001, Gunju 2002 u Ottubru 2002. Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi michuda.

Ra illi l-konvenut naqas milli jipproduci provi u naqas milli jmur il-Qorti. Illi m'hemmx dubju li l-konvenut kellu jgib prova ta' hlas kif allega fir-Risposta. Il-konvenut naqas li jgib tali prova.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija u tlieta w erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm343.92c) bl-ispejjez u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------